TAKING GENDER EQUALITY TO LOCAL COMMUNITIES
(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

# GĦAŻIŻA EVA

Jgħidu int, għażiża Eva, kont fil-bidu;
l-ewwel mara skond il-ġrajja tal-ħolqien,
u warajk kien hemm oħrajn li għamlu bħalek
ħallew marka li ssemmiet ma' kullimkien.

Nisa kbar li għamlu isem f'għadd ta' oqsma
ma ddejqux ħilithom juru fil-miftuħ
taw lezzjoni li fid-dinja lkoll kapaċi;
l-għan f'ħajjithom irnexxielhom iwettquh.

**REF:** Helen Keller, Montessori
fejn ħaddieħor ma rnexxiex.
Ta' Curie skoperta kbira,
u Ġovanna t'Ark li l-ġlied ma beżżagħhiex.

Hemm ukoll, għażiża Eva, aktar nisa
daħlu jmexxu fil-pajjiż minkejja x-xkiel.
Lil kulħadd urew li l-mara għandha l-ħila
fejn is-soltu kien ikollna biss irġiel.

**REF:** Kleopatra fuq l-Eġittu
żminijiet 'il bogħod mhux ftit.
Iżabella l-Ispanjola
li b'riħitha nstab il-kontinent il-ġdid.

Lejn Evita fl-Arġentina
baqa' l-poplu kollu grat,
bħal Meir l-Iżraeljana;
għall-ħarsien tal-Lhud ħajjitha ddedikat.

Fl-Ingilterra Margaret Thatcher
kienet mara tal-ħadid,
bħal Indira illi fl-Indja
ħadet passi kbar li l-faqar jehda jżid.

Bhutto, Merkel u Barbara,

TAKING GENDER EQUALITY TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

lista twila ta' bla tmiem.
Nisa lkoll, għażiża Eva,
li minkejja kollox ħarsu 'il quddiem!

joe julian farrugia